**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 82 – IT-TNEJN, 3 TA' APRIL 2017 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier (6.00pm) |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier (6.55pm) |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 81

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is- Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 81

2.1 Rigward paragrafu 6.1.4, is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-bankina sar tajjeb ħafna. Gie rringrazzjat il-Ministru tal-Edukazzjoni għall-intervent tiegħu.

2.2 Rigward paragrafu 6.3, ġie innutat li għad trid issir site visit biex jiġi identifikat il-post.

2.3 Rigward paragrafu 6.1.4, is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni li tkellmet fuq il-bżonn li jkun hemm aktar dawl fi Triq il-Balal. Ġie deċiż li ssir talba għal-laqgħa mal-Ministru responsabbli mit-TM kif ukoll mal-Prim Ministru li hu responsabbli mill-Enemalta.

Is-Sur Malcolm Abdilla daħal għal-laqgħa fis-6.00pm

## 3 Pagamenti Numru 72

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Reġġħet ġiet diskussa l-proposta tat-TCTC għall-kors tar-robotika. Ġiet ikkonfermata li għal din is-sena ma nieħdux sehem minħabba n-nuqqas ta' spazju.

4.2 Kien hemm qbil li ma napplikawx għall-premju nazzjonali għall-appoġġ lill-intrapriża.

4.3 Kien hemm qbil li Triq il-Ġdida fi Triq Wied Għollieqa tiġi rakomandata biex tissemma Triq il-Primavera. Din għandha tiġi riferuta lil KAC.

4.4 Kien hemm qbil li napplikaw għall-Kunsill taż-Żgħażagħ.

4.5 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata t-talba għal 100 Ewro donazzjoni lil MPDA jekk tiġi approvata mid-DLG.

4.6 Kien hemm diskussjoni rigward il-garage tal-Mitħna ta' taħt l-art. Ġie innutat li kien hemm intervent mill-ERA minħabba li ħaddiem ta' kuntrattur tal-Kunsill kien qed jistiva affarjiet biex jesporta lejn l-Africa. Dawn l-affarjiet jinkludu affarjiet hazardous u eletroniċi kif ukoll affarjiet oħra. Is-Sinjura Rita Saliba staqsiet jekk dan kellux permess. Is-Sinjura Marica Bayliss ikkonfermat li hi approvat li jiġu stivati affarjiet bħal ħwejjeġ u affarjiet oħra imma mhux electronics jew affarjiet hazardous. Is-Sinjura Joan Farrugia ilmentat li approvazzjoni bħal din kellha tiġi mgħoddija mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qed fuq il-mejda kopja tal-korrispondenza u għandu wkoll jgħaddi kopja eletronika lill-membri tal-Kunsill. L-ERA irringrazzjat lill-Kunsill għal ko-operazzjoni fuq dan l-intervent. Għandha ssir laqgħa oħra biex tiġi diskussa l-way forward biex dan il-garage jitbattal mill-affarjiet.

4.7 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva mandat ta' ihibizzjoni biex ma jiġix iffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill u l-kuntrattur l-ġdid tal-ġbir ta' skart. Is-smiegħ tas-seduta hija t-Tlieta, 4 ta' April 2017.

4.8 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġew iffirmati l-vouchers tal-cat neutering u jista' jibdew in-neutering tal-qtates stray f'San Ġwann.

4.9 Kien hemm qbil unanimu li jinxtraw 15-il cat shelters għal użu f'San Ġwann.

4.10 Kien hemm diskussjoni rigward stima biex issir bozza fuq arblu fit-triq li hemm f'Wied Għomor ħdejn id-dog park peress li hemm ħafna dlam. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-istima u ssir l-bozza u l-arblu. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 4 favur u 4 astenzjoni.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex tiġi rikonsidrata talba tal-Prodent Dental Clinic għal reserved parking. Kien hemm qbil li ma tiġix aċċettata t-talba.

5.2 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-kwotatzzjoni biex jinbidel iċ-ċint fi Triq Bella Vista ta' taħt il-Muriel.

5.3 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata talba għal U bollard advertising fi Vjal ir-Riħan.

5.4 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex issir zebra crossing fi Triq l-Istefanotis. Kien hemm qbil li din ma tiġix aċċettata f'dan il-mument.

Is-Sur Trevor Fenech daħal għal-laqgħa fis-6.55pm.

5.5 Il-Kunsill innota korrispondenza mis-Sur Marc Sant, President tal-LCA, fejn hu ħabbar ir-riżenja tiegħu.

5.6 Reġgħet ġiet diskussa talba biex issir junction box quddiem entratura fi Triq il-Mensija biex ikun hemm aċċess għal pelitizer. Wara diskussjoni kien hemm qbil li ma tiġix aċċettata din it-talba.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq:

6.1.1 Karozzi abbandunati madwar il-lokal. Kien hemm qbil li tintalab kjarifika, lill-Pulizija u lir-Reġjun, kif dawn il-karozzi jistgħu jitneħħew.

6.1.2 Kien hemm diskussjoni rigward il-ħsara fi Ġnien San Ġorġ Preca u linji tat-toroq li għad iridu jagħmlu l-WSC. Għandha terġa' tintalab kjarifika lill-Perit tal-WSC.

6.1.3 Kien hemm diskussjoni rigward l-iskart li qed ikun hemm fejn it-tliet siġriet fi Triq Gorg Tayar. Ġie innutat li l-iskart għandu jitħalla, skont il-liġi, barra r-residenzi. Ġew mitluba l-LESA biex isir aktar moniteraġġ mill-wardens.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq:

6.2.1 in-noticeboard li hemm barra l-mitħna u l-oħrajn li hemm fil-lokal. Dawn għandhom jiġu rranġati u jinżammu updated.

6.2.2 Rigward Jum San Ġwann, hemm proposta għal car show għal 25 ta' Ġunju 2017. Il-Kunsilliera huma mitluba jaħsbu fuq xi proposti għal Mertu San Ġwann. Il-pubbliku għandu jiġi mistieden biex jinominaw lil xi ħadd. Il-programm għandu jinkludi affarjiet oħra.

6.2.3 Għandha tintbagħat korrisponenza, lil TM rigward ilma li qed jidħol fil-każin tal-banda meta tkun xita qawwija.

6.2.4 Ġie innutat li l-websajt hija lesta u għandha tibda fi żmien qasir.

6.3 Is-Sinjura Rita Saliba lmentat li għandha tinbagħat kjarifika rigward double yellow qasir li hemm fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Triq il-Kunżizzjoni.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 17 ta' April 2017 fil-5.30pm.

________________________

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

________________________

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**